32007R0240

7.3.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 67/5

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 240/2007

tas-6 ta' Marzu 2007

li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti

(Štramberské uši (PGI) - Aceite Monterrubio (PDO) - Alfajor de Medina Sidonia (PGI))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel[1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni tar-Repubblika Ċeka biex tirreġistra l-isem "Štramberské uši" u l-applikazzjoni ta' Spanja biex tirreġistra ż-żewġ ismijiet "Aceite Monterrubio" and "Alfajor de Medina Sidonia" ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea[2].

(2) Peress li l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawn l-ismijiet għandhom jiddaħħlu fir-"Reġistru ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti",

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjonijiet imsemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom għandhom jiddaħħlu fir-"Reġistru ta' denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet protetti tal-oriġini".

---

1 ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

2 ĠU C 148, 24.6.2006, p.15 (Štramberské uši); ĠU C 148, 24.6.2006, p.18 (Alfajor de Medina Sidonia); ĠU C 148, 24.6.2006, p 25 (Aceite Monterrubio).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Marzu 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

1. Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat

Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żjut, eċċ)

SPANJA

Aceite Monterrubio (DOP)

2. Oġġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament

Klassi 2.4. Ħobż, għaġina, kejkijiet, ħelu, galletti u prodotti oħra tad-dulċiera

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Štramberské uši (PGI)

SPANJA

Alfajor de Medina Sidonia (PGI)